MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 450/2005

**Benjamin Mangion Limited**
**(C – 22251)**

**vs**

**Integrated Business Systems Limited**
**(C – 18440)**

Il-Qorti,

1.Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata l-11 ta’ Mejju, 2005, (ara fol 1 *et sequitur*);

2.0 Rat is-sentenza taghha datata d-29 t’Ottubru, 2013, li permezz taghha, filwaqt li:

2.1 Irrespingiet l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta;

2.2 Iddikjarat li l-magna in meritu u l-oggetti l-ohra annessi hemm dikjarati ma kienux tal-kwalita` pattwita;

2.3 Ordnat il-kintinwazzjoni tal-kawza biex tigi epurata l-likwidazzjoni tal-vertenza *de quo* bil-modalita` hemm indikata;

3. Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata l-20 ta' Novembru, 2013, (ara fol 130);

4. Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku nominat in atti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fir-rigward;

6. Innotat li la s-socjeta` konvenuta u lanqas l-abbli rapprezentant legali taghha ma dehru fl-appuntament rizervat ghalihom f'dan ir-rigward u dan, minghajr gustifikazzjoni fil-ligi, (ara fol 144);

Ikkunsidrat:

7. Illi skont ir-relazzjoni peritali li bl-ebda mod ma giet kontradetta mis-socjeta` konvenuta jirrizulta li l-ispejjez komplessivi li s-socjeta` konvenuta gia` giet dikjarata responsabbli ghalihom tammonta ghal hdax –il elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro u seba' u tmenin centezmu, (€11,646.87), (ara fol 65 u 137);

8. Illi tenut kont li s-socjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda kontradittorju fir-rigward, din il-qorti qed tistrieh kompletament fuq il-valutazzjoni indikata lilha mill-espert tekniku *de quo*;

**DECIDE:**

9. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess u tas-sentenza parzjali fuq riferita, taqta' u tiddeciedi l-vertenza rimanenti tal-procedura *de quo* billi:

9.1 Tiddikjara li l-valur gust tal-magna effettivament ikkonsenjata lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta hi ekwivalenti ghal hdax –il elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro u seba' u tmenin centezmu, (€11,646.87);

9.2 Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta *Integrated Business Systems Limited* biex thallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` attrici Benjamin Mangion Limited;

9.3 Bl-ispejjez ta' din il-parti tal-procedura kontra l-istess socjeta` konvenuta fuq gia` indikata.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------